# AVVIŻI

1. Il-Ħadd 7 u 21 ta' Ottubru 2001 fil-5.00p.m.
   Il-Ħadd 4 u 18 ta' Novembru 2001 fit-3.30p.m.
   Il-Ħadd 2 u 16 ta' Diċembru 2001 fit-3.00p.m.
   Il-Ħadd 6 u 20 ta' Jannar 2002 fit-3.00p.m.

Ikun hemm transport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, c/o 16, Triq San Ġakbu, Siġġiewi.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej:
   http://www.elanguest.com/girgenti/

## AVVIŻ IMPORTANTI
### IT-28 TA' OTTUBRU

Nhar it-28 ta' Ottubru 2001 jaħbat il-ħames anniversarju mill-mewt ta' Ġuża Mifsud. Peress li t-28 ta' Ottubru ser jaħbat il-Ħadd, il-quddiesa li ssoltu ssir għar-ruħha fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi ser issir l-għada t-Tnejn fis-6.15p.m. Kulħadd huwa mistieden.



NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 48 OTTUBRU 2001 JITQASSAM BLA ĦLAS



*Sr. Roża Balzan, Mons. Salv Grima u Ġuża Mifsud*

## TMINTAX-IL SENA ILU

Kien f'Novembru 1983, tmintax-il sena ilu, li bdiet tixtered il-kelma li Ġuża Mifsud kien qed ikollha kuntatti mal-Madonna. Niftakar li kien f'Diċembru 1983 li jiena u ommi morna għandha għal l-ewwel darba. Kellha l-bieb imbexxaq, kien jidher ċar li qegħda tistenna lil xi ħadd. Meta kellmitna qaltilna li kienet qegħda tistenna lill- Monsinjur Salvatore Grima.

## MIN KIEN MONS. SALV. GRIMA?

Mons. Grima twieled iż-Żejtun fil-11 ta' Diċembru 1909 u ġie ordnat saċerdot fit-23 ta' Diċembru 1933. Kien predikatur magħruf u wettaq appostolat kbir fost il-morda. Barra minn hekk huwa waqqaf l-Adorazzjoni Ewkaristika ta' bil-lejl li ssir kull xahar għall-qdusija tal-

Kleru. Mons. Grima kien ukoll il-fundatur u d-direttur tad-Dar tal-Kleru, 'Christus Sacerdos' li qegħda fi Fleur de Lys, Birkirkara u fiha jgħixu saċerdoti anzjani jew morda li m'għandhomx min idur bihom. F'din id-dar waqqaf l-għaqda tal-Qaddejja taċ-ċenaklu. Dawn huma xebbiet marbutin bil-voti tar-reliġjużi. Huma jieħdu ħsieb din id-dar u s-saċerdoti li jgħixu fiha. Fost dawn hemm Sr. Roża Balzan, ħabiba antika ta' Ġuża Mifsud u li sa' l-aħħar baqgħet tgħin lill-Monsinjur Grima fil-bżonnijiet tiegħu.

Mons. Grima miet fis-27 ta' Jannar 1990. Il-funeral tiegħu sar it-Tnejn 29 ta' Jannar 1990 fil-Knisja Arċipretali taż-Żejtun. Il-konċelebrazzjoni tmexxiet minn l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca flimkien ma' mija u sittin saċerdot.

## IR-RABTA TA' MONS. GRIMA MA' ĠUŻA MIFSUD

Ġuża kemm-il darba qalet li kien bis-saħħa ta Mons. Salv. Grima li l-messaġġ tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni infetaħ għall-pubbliku. Tajjeb li jingħad li Ġuża ltaqgħet l-ewwel darba ma' Mons. Grima fl-1951, meta kienet ġiet il-Missjoni l-Kbira s-Siġġiewi. Minn dak iż-żmien huwa sar il-konfessur u d-Direttur Spiritwali tagħha.

Ġuża tgħid li f'Mejju ta' l-1983, Mons. Grima kien bagħtilha risposta ma Sr. Roża Balzan li kien sejjer id-dar tagħha biex ikellimha. Ġuża qaltilha, 'Mela d-dar tiegħi tal-Monsinjuri?' ... Il-Monsinjur mar u qalilha, 'Kemm qed inħossni kuntent. Ġuża, għandna bżonn nagħmlu xi ħaġa... Għandna bżonnha l-Madonna.' Ġuża weġbitu, 'Monsinjur kemm ġej inkwiet għalija!' Monsinjur Grima weġibha, 'Ġej veru, imma għandna bżonn nifthulha 'l-Madonna.' Għal dan il-kliem Ġuża wieġbet, 'Akkost ta' kollox nifthulha.'" Iżda dakinhar il-messaġġ ma nfetaħx għax Ġuża kienet ma tiflaħx.

Xi żmien wara, eżattament fl-1 ta' Novembru 1983, Ġuża kienet qegħda fl-intrata titlob għas-suffraġju ta' ommha li dakinhar għalqet dsatax-il sena mejta, meta semgħet lil ommha tgħidilha, "Ġuża, illum oħroġ minn hawn għax ma tqarbintx filgħodu... Oħroġ u mur fejn id-Direttur Spiritwali tiegħek." Ġuża kriet karozza u flimkien ma' persuna oħra marret id-Dar tal-Kleru. Wara li l-Monsinjur qarbinha, qalilha, "Wasal il-ħin" u l-messaġġ infetaħ għall-pubbliku.

Kif nafu, għall-ewwel Ġuża tkellmet dwar it-titolu Madonna tal-Konsagrazzjoni. Mijiet ta' nies żaruha f'darha sabiex jitolbu quddiem l-inkwadru tal-Madonna. Kien aktar tard, f'Novembru 1985, sentejn wara, li Ġuża tkellmet dwar id-deħriet tal-Madonna li kellha fil-Girgenti. Fil-5 ta' Mejju 1986, Ġuża tellgħet l-istatwa tal-Madonna u minn dakinhar bdiet torganizza laqgħat ta' talb li għadhom jiġu organizzati sallum kull l-ewwel u t-tielet Ħadd tax-xahar.

Matul is-snin Mons. Grima baqa' jgħin lil Ġuża b'kull mezz possibbli, saħansitra kien anka jħallilha l-Ewkaristija d-dar sabiex hi tkun tista' titqarben peress li hu kien fehem li ma setgħetx toqgħod mingħajr Ġesu Ostja. Ġuża tgħid, "Mons. Grima kważi ħa ħsiebi tul ħajti kollha. Dan ma kienx jgħidli bħal xi saċerdoti oħra, 'U mur, int hekk'. Kien jgħidli, meta kont immur inkellmu fil-konfessinarju, 'Ġuża, hu paċenzja u dak li tisma' ikteb kollox. Meta tiġi hawn ġibuli, nkun nista' naqrah u nagħtihulek lura.' U hekk kien isir sa kważi ftit qabel ma miet."



F'ittra li ġġib id-data 6 ta' Awissu 1984, Monsinjur Grima kitbilha hekk lil Ġuża: "Qabel xejn jiena nħoss li d-direzzjoni tiegħek il-Bambin iridha minn għandi. Jiena naċċetta din il-missjoni u ngħinek mill-aħjar li nista'. Inħossni kuntent li qed ngħinek f'dan l-appostolat qaddis.

Inti wkoll għandek tħossok ixxurtjata li l-Madonna għażlitek biex ixxerred il-messaġġ tagħha. Jiena nħoss ukoll li tant Ġesu u kemm ukoll l-Omm għażiża tiegħu huma kuntenti bik għax-xogħol li qegħda tagħmel għall-glorja tagħhom. Jiena żgur li waqt il-pont tal-mewt l-akbar konsolazzjoni li jkollok tkun dik li inti tkun komplejt max-xewqat qaddisa tagħhom.

Pero nixtieqek li inti tibża' għal saħħtek biex tkun tista' taqdi din il-missjoni li fdawlek.

Issa x-xogħol tiegħek għandu jkun li titlob lill-Madonna biex tkompli tqaddsek ħalli tkun denja li taqdi din il-missjoni. Jiena min-naħa tiegħi nwegħdek li ma ninsik qatt fit-talb tiegħi speċjalment fis-sagrifiċċju tal-quddiesa u waqt l-adorazzjoni li nagħmel quddiem Ġesu espost.

Rosa tibgħat isselli għalik u l-ewwel okkażjoni li jkollna niġu narawk.

Jiena min-naħa tiegħI nibgħat inselli għalik ħafna u mat-tislijiet nibgħatlek il-Barka Saċerdotali tiegħi.

Dejjem tiegħek in Corde Jesu, Can. Salv. Grima"

Ġuża tgħid li l-kuntatt li kellha ma' Monsinjur Grima ma spiċċax ma mewtu. Fil-fatt tirrakkonta li fl-1 ta' Frar 1990 (ftit jiem biss wara l-mewt ta' Mons. Grima) għall-ħabta ta' xi l-11.45a.m. hi semgħet il-leħen ta' Mons. Grima li qalilha, "Ġuża, ruħi, qed tagħmel ħafna mortifikazzjonijiet." Meta Ġuża ħarset lejħ bdiet tibki u qaltlu, "Monsinjur kemm sirt sabiħ! Itlob għalija Monsinjur." Weġibha, "Nitlob qiegħed, imma inti għandek bżonn tistrieħ għax qegħda tbati ħafna u l-Madonna ukoll qaltlek fil-passat illi int dmirek għamiltu u jiena ħa ngħidlek li l-Madonna kuntenta ħafna bik. Għid lil oħtok Sr. Balzan biex ma toqgħodx tinkwieta minħabba fija għax jiena fejn jien ma jonqosni xejn."

Dwar kuntatt ieħor li Ġuża kellha fil-lejl ta' bejn il-Ħamis 8 ta' Frar u l-Ġimgħa 9 ta' Frar 1990, Ġuża tgħid hekk: "F'dan il-lejl mill-ġdid smajt il-leħen sabiħ u qaddis tal-Konfessur tiegħi li stqarr miegħi, 'X'sodisfazzjon inħoss talli jiena mingħajr biża' ta' ħadd għintek fil-messaġġ sabiħ li għoġobha tagħtik il-Madonna matul ħajtek. Ħafna minn shabi s-saċerdoti jirrakkontaw il-ġrajjiet tiegħek u jgħidu kontra tiegħek imma jiena dan taf illi qatt u qatt ma għamiltu fl-ebda ċirkostanza... Jien bdejt ngħid, 'La dan jogħġob lill-Mulej u lill-Madonna irid jogħġob lili wkoll.' Fixkluni ħafna, anka bikkewni, ħarġuli d-dmugħ minn għajnejja imma jiena bqajt nirreżisti...

Jisgħobini ħafna għal dawk illi qegħdin fil-Kurja u għadhom imilu kontrik għaliex għadhom ma ndunawx li dan il-messaġġ tathulek bħalma għidt int, is-Sinjura tal-Ħajja. Jiena permezz tagħha sibt il-ħajja u dak li jiena għamilt miegħek matul xi tmienja u tletin sena, issa sibtu f'posti fejn tani l-Mulej u l-għażiża ommok u ommi Marija. Sibtu ħafna dak illi jiena kemm għidt lilek u lil shabi, illi lil Ġuża ta' min jagħmlilha l-kuraġġ biex tkompli xxerred id-devozzjoni tal-Madonna u tagħmel dak kollu li bix-xewqa tal-Madonna trid tagħmel.

Rigward li qegħdin iħabbtuk fuq dak illi qaltlek il-Madonna għad-dar tagħha fil-Girgenti, Ġuża, ruħi, kif dejjem għidtlek, dak li Alla jrid ma jista' jħabblu ħadd. Dana jafuh dawk in-

nies li għandhom xi awtorità għax minn meta tellajt l-istatwa tal-Madonna taħt id-direzzjoni tiegħi... sal-ġurnata mqaddsa u għażiża minn tal-lum, in-nies qatt u qatt ma qatgħet...

Tibżax issemmini, aktar kemm issemmini aktar tkun tagħti glorja lill-Mulej u lill-Madonna illi jiena bik, fik, miegħek ħdimt f'dan il-messaġġ għas-Sinjura tal-Ħajja li kif qaltlek riedet it-titular ġdid, 'Il-Madonna tal-Konsagrazzjoni' u li issa dan it-titular ġdid ma jafux bih il-Maltin u l-Għawdxin biss imma taf bih id-dinja kollha.'"

Ġuża tgħid li Mons. Grima kien matul ħajtu iggwidaha x'għandha tagħmel meta hu jiġi nieqes. F'Settembru 1995, Ġuża qalet hekk: " Monsinjur Grima kien qalli: 'Jiena ħa ngħidlek kelma. Jiena wasalt biex immut. Togħġbodx jiddispjaċik għax inti m'intix ħa jkollok direttur spiritwali. Żomm ruħek fil-grazzja ta' Alla u mal-Mulej Ġesu ta' l-Ewkaristija u d-direttur spiritwali ħa nkun jiena. Minn fejn inkun jiena ħa nkun id-direttur spiritwali tiegħek.'

U veru għaliex qegħda inġib quddiem għajnejja l-kliem li kien jgħidli dan il-Monsinjur Grima. Veru li qed jgħinni mis-sema għax qiegħed jagħtini l-għajnuna li niftakar fi kliemu, fil-kliem qaddis li kien jgħidli hawn ġew. Hu kien jgħidli: ċĠuża xi grazzja tak il-Mulej li laqqgħek mal-Madonna. Anka lili wkoll qaddisni kemm ilni niġi hawn ġew u nagħmillek il-kuraġġ. Għal kollox nagħmillek kuraġġ. Aħdmilha 'l-Madonna. Inti taħdmilha qegħda, imma kompli aħdmilha għax jiena forsi ma nkunx nista' ninkoraġġik iżjed. Ma għandix għalfejn ninkoraġġik biex tkompli taħdmilha għaliex hija qegħda tgħinek.'"

Nagħlaq din it-tislima lill-Mons. Salv Grima billi nwasslilkom dawn iż-żewġ episodji. Waqt l-Omelija li Mons. Carmelo Xuereb għamel fil-funeral ta' Ġuża li sar fit-30 ta' Ottubru 1996, huwa qal hekk: "Niftakar li madwar għaxar snin ilu, fis-sena 1987, kont Vigarju l-Kurja, Ġuża ġiet flimkien ma' Monsinjur Grima biex tarani u biex naturalment nagħti s-siġill uffiċċjali tad-dehriet li kellha mill-Madonna, li kienet tallega li kellha mill-Madonna. Dan ma stajtx nagħmlu jien, dan ma tistax tagħmlu l-Knisja. Il-Knisja l-proċedura tagħha hija pro'edura ta' eżami rqiq, ta' eżami fin qabel ma tasal għad-deċiżjoniet tagħha. Però jiena għedtilha biex tkompli tkabbar in-numru ta' dawk l-erwieħ li jridu jitqaddsu, jersqu lejn Ġesu permezz ta' Marija Santissima. Ħarġet hi u kellimni Mons. Grima waħdi u qalli: "Ilni ħafna nidderiġi erwieħ, imma ruħ mistika bħalma kienet ta' Ġuża, bħalma hi ta' Ġuza qatt ma ltqajt magħha." Kellu din l-idea sublimi ta' din ir-ruħ marbuta intimament ma' Alla, marbuta kompletament u intimament mal-Mulej."

Fl-aħħarnett ngħid li f'dikjarazzjoni li ġġib id-data 3 ta' Ottubru 1985, huwa kiteb hekk: "Ġejt mistoqsi dwar Ġuża Mifsud rigward it-titoli tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u Madonna tal-Girgenti. Jiena bħala l-konfessur tagħha nista' ngħid li hi ġenwina ħafna u ta' min jorbot fuqha. Għalhekk, fl-opinjoni tiegħi, ta' min jinkoraġġiha biex ix-xewqat tal-Madonna jseħħu."

Dr. S. Spiteri



# Siltiet mid-diskorsi ta' Ġuża Mifsud

Fix-xahar tal-Madonna, fix-xahar ta' Ottubru, ix-xahar tar-Ruzarju, żommu l-kuruna tar-rużarju fuqkom, għidu r-rużarju kuljum u mhux hawn min jgħidlek li lanqas jaf jgħidu...

Għandu jsir it-talb, nibdew nirrikorru għand il-Madonna, ngħaddu tant żmien quddiem it-television, m'għandniex norqdu mingħajr rużarju, dak ir-rużarju qaddis u mbierek li trid il-Madonna. Meta ngħiduh b'intenzjoni tajba r-rużarju jaqlagħlna żgur il-grazzji. Meta ngħidu dawk il-misterji tat-tbatija, kemm bata għalina Kristu, tara li qiegħed jitlob għad-dinja, qiegħed jiġi msawwat għad-dinja, qiegħed jiġi nkurunat għalija u għalik, qiegħed jiġi mgħobbi s-salib minħabba dnubietek, minħabba li tajt ħafna skandli b'ġismek. Qiegħed jissallab fuq is-salib biex iġiblek il-post tiegħek fis-sema, għax ma konniex nistgħu nidħlu fis-sema kieku ma ħax il-passjoni Kristu.

U lbieraħ kelli nota kbira ħafna biex inqajjem ħafna devozzjoni lejn l-erwieħ tal-purgatorju. Ma għandniex niċċajtaw b'dawn l-affarijiet. M'hux sew li kullma jkollhom tal-familja noħduh, u mbagħad lanqas quddiesa ma nagħmlu għal ruħhom... Jiena rrid inqajmilkom ħafna devozzjoni lejn l-erwieħ kif irid il-Mulej Ġesu ta' l-Ewkaristija...

Għandna nitolbu għall-ħajjin, għall-bżonnijiet tal-ħajjin biex il-ħajjin jersqu lejn il-Mulej, u nitolbu għall-erwieħ tal-purgatorju. Min jaf kemm hemm erwieħ jaħasra fil-purgatorju li fid-dinja m'hemmx min jitlob għalihom għax kulħadd spiċċa u miet. Allura nitolbu għalihom aħna bir-rużarju, ngħiduh għal dawk l-erwieħ li m'għandhomx min jaħseb fihom bit-talb. Nitolbu għall-erwieħ tas-saċerdoti, għall-erwieħ abbandunati u nitolbu lis-Sinjur Alla, lill-Mulej Ġesu biex jimlielna qalbna kollha grazzji u ferħ u glorja, biex inkunu nistgħu nitolbu għal kulħadd talb qawwi, talb kbir, talb spiritwali...

Mulej Alla, ikollok ħniena mill-erwieħ tal-purgatorju, Mulej Ġesu, ikollok ħniena mill-erwieħ tal-purgatorju. O Ġesu sagramentat, ikollok ħniena u anka karità mill-erwieħ tal-purgatorju, naqqsilhom dawk il-fjammi li qegħdin iħeġġu magħhom fil-purgatorju biex ikunu ippurifikati, biex jitilgħu fis-sema pajjiżhom għaliex fis-sema pajjiżna ma nistgħux inkunu mtebbgħin b'xi ħmieġ tad-dnub għax fis-sema pajjiżna hemm ħafna u ħafna affarijiet sbieħ.

# GRAZZJI MAQLUGĦA

**John Parnis minn Birzebbugia kiteb:**

Fl-1 ta' Mejju 2001 fil-5.30p.m. kont waħdi fil-garaxx naħdem bil-grinder meta f'daqqa waħda, b'saħħa kbira, taret biċċa ħadida ta' madwar pulzier fid-daqs li ġiet f'għajni x-xellugija. Dak il-ħin rajt biss dlam u beda ħiereġ id-demm. Ftakart li t-tifel kien ġabli l-ilma mill-Girgenti u li kien qiegħed fl-istess garaxx.

Ersaqt lejn l-ilma b'diffikultà għaliex dak il-ħin ma kontx qed nara ħlief dlam. Dak il-ħin tlabt lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni biex ma nitlifx id-dawl. Mal-ħin, bil-mod il mod, id-dawl beda ġej lura. Id-demm waqaf u wara ftit anka l-uġigħ beda jtaffi. F'ġimgħa għaddieli kollox mingħajr ma mort għand tobba. Minn qalbi ngħidlek, 'grazzi Madonna'. N.B. Flimkien mal-grazzja maqlugħa, John għaddielna l-ħadida li kien weġ a' biha.

**G. Cachia minn Birkirkara kiteb hekk:**

Nirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti għall-fejqan mirakoluż li kelli, meta t-talb tiegħi għall-fejqan ġie mismugħ. Għalkemm illum, għall-grazzja t'Alla, qed nagħmel ħilti biex ngħix ta' nisrani tajjeb, nistqarr li żmien ilu l-ħajja tiegħi xejn ma kienet tajba.

Ġara li għaxar snin ilu kelli uġigħ f'dahri u wara li ġejt operat ħassejtni li mort tajjeb u l-uġigħ f'dahri spiċċa. (L-operazzjoni kienet saret minn tabib barrani fl-Isptar San Luqa). Xi sena ilu għamilt sena naħdem ta' bajjad u erġajt ħassejt dahri juġagħni bħal ma kont ħassejtu disa' snin qabel.

Mort għand Dr. Zrinzo u dan qalli biex nistrieħ fis-sodda. Iżda l-uġigħ baqa' u Dr. Zrinzo qalli li kien hemm bżonn ta' operazzjoni oħra fis-sinsla ta' dahri.

Xi sitt xhur ilu, iltqajt ma ħabib li bi kliemu ressaqni lejn Alla, tant li l-ħajja tiegħi inbidlet għat-tajjeb, mid-dlam għad-dawl.

Bil-konverżjoni tiegħi, stajt nitlob u fil-fatt tlabt fuq li tlabt lill-Madonna tal-Girgenti biex tfejjaqni. Il-Madonna semgħet talbi u ħaġa ta' l-għaġeb l-uġigħ spiċċa għal kollox. Erġajt mort għand Dr. Zrinzo biex ngħidlu xi ġrali. Għall-grazzja t'Alla, l-X Rays ta' dahri wrew li ma kellix bżonn ta' operazzjoni. Għalija kien fejqan mirakoluż.

Jien naf li dan ġara bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti u għalhekk irrid li b'qalbi kollha nirringrazzja lil Alla u 'l-Madonna, filwaqt li nitlob l-għajnuna tagħhom biex inkompli ngħix ta' nisrani.

Madonna tal-Girgenti itlob għalina u għinna nkabbru d-devozzjoni lejk.

**Rapport ta' Mary Schembri minn Birkirkara:**

Qed nikteb biex nirringrazzja lil Alla u l-Madonna tal-grazzja li qlajt. Kont nieżla t-taraġ tad-dar, ħdejja ma kien hemm ħadd, meta ma nafx kif tgerbibt tlettax-il tarġa. Jiena ntlift minn sensija u ma kontx naf x'qed jiġri.

F'moħħi kelli biss li meta nitgerbeb it-taraġ kollu, jiena naħbat ma' x'imkien u nsib ruħi f'għadira demm jew mejta. Però fl-istess ħin smajt lili nnifsi ngħajjat "Madonna għinni, Madonna għinni, Madonna għinni". Kif waqaft ħassejt lil xi ħadd ikaxkarni t-tarġa biex ipoġġili idi mal-poġġaman tat-taraġ biex inqum.

Kif qomt mill-waqgħa ġejt f'sensija u fl-istess ħin nara lill-oħti fil-bieb. Meta ratni ggranfata mal-poġġaman staqsietni x'ġara. Għidtilha li mingħajr ma naf kif kont tgerbibt it-taraġ. Hadt l-X Rays però rriżulta li ma kelli xejn ħlief naqra tbenġil.

Għalhekk qed nirringrazzja lill-Madonna tal-grazzja li tatni, għaliex jiena ċerta li kienet il-Madonna li qabditli idi biex ma nkomplix nitgerbeb.

**Teresa Degabriele minn Marsaxlokk kitbet:**

Nixtieq minn qalbi nirringrazzja lil Ġesu Kurċifiss, lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u lir-ruħ Ġuża Mifsud li b'tant ħerqa jiena tlabt minħabba operazzjoni li għamilt. Wara l-operazzjoni domt ħafna ma stajt intella' n-nifs minħabba problema li kelli fil-pipe tan-nifs. Iżda bil-għajnuna tal-Madonna u ta' Ġuża, qlajt il-grazzja u skappajt minn ħalq il-mewt.

**Nicholas Zammit mir-Rabat, Għawdex kiteb hekk:**

Nirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti u lill-Ġuża Mifsud għall-grazzja li qlajt bl-interċessjoni tagħhom.

Kelli kollox lest biex fil-25 ta' Lulju 2001 immur Lourdes. Xi tlett ijiem qabel, ħarrikt rasi bis-salt u tani sturdament kbir tant li ma stajtx nimxi. Ċempilt lit-tabib tal-familja u qalli li kien iċċaqlaqli l-ilma ta' wara widnejja. Qalli li għandi xi jumejn sa ma jgħaddili u tani xi pilloli. Kif għidt kelli kollox lest biex immur Lourdes u bżajt li mhux ser jilħaq jgħaddili.

Ftakart fil-Madonna u f'Ġuża u tlabthom. Imbierka s-sapjenza t'Alla f'ġurnata għaddieli kollox. Insejt ngħid li dan kollu ġara wara li ħadt ftit ilma minn tal-Girgenti u xarrabt widnejja bih.

Ta' dan kollu nirringrazzja lill-Madonna u lil Ġuża Mifsud. Grazzi għażiża ommi. Bis-saħħa tagħhom jiena mort Lourdes.

**DIJKARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*